# 75 SENA TA' SERVIZZ U MĦABBA TAS-SORIJIET "ULIED IL-QALB TA' ĠESU" FIL-MELLIEĦA



L-ewwwel dar tas-Sorijiet "Ulied il-Qalb ta' Ġesù" fil-Mellieħa, kienet f'104, Triq il-Kbira, li kienet proprjetà tal-Aħwa Debono, neputijiet ta' Dun Frangisk Debono, li kien ilu jitħabat biex idaħħal Komunità ta' Sorijiet fil-Mellieħa.

Il-Madre Ġenerali M. Dolores Maistre, daħħlet 1-ewwel Komunità ta' Sorijiet f'din id-dar, fl-10 ta' Mejju, 1938, u l-ewwel Superjura kienet Sor Angelika Compagno. F'din id-dar beda jinżamm ukoll is-Sagrament tal-Ewkaristija, u Dun Pawl Cauchi, il-Vigarju tas-Sorijiet, mar iqaddes u jbierek id-dar. F'dik id-dar kien isir tagħlim għall-bniet u t-tfajliet. Bdew jinġabru t-tfal ta' bejn 3 u 5 snin, u bdew iħejjuhom għall-Iskola Elementari tal-Gvern. Ingħata wkoll tagħlim ta' rakkmu lit-tfajliet, u tliet Sorijiet bdew imorru jgħallmu fl-Iskola Elementari tal-Gvern. Is-Sorijiet bdew ukoll jgħinu fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, u jieħdu ħsieb it-tindif, ħasil ta' ħwejjeg tal-Knisja, u tiswijiet ta' Paramenti Sagri. Bdew ukoll jgħallmu d-Dutrina fil-Kmamar tal-Bitħa tas-Santwarju. Fi żmien meta s-Superjura kienet Sor Elena Xuereb, beda jsir Katekiżmu għall-kbar fid-dar, u bdiet tiġi organizzata Siegħa Adorazzjoni fl-ewwel ġimgħa tax-xahar, fil-Kappella tal-Kunvent, iddedikata lill-Qalb ta' Ġesù.

Fl-ewwwel t'Awwissu, 1944, is-Sorijiet daħlu f'dar oħra, faċċata tal-ewwel waħda. Din it-tieni dar, kienet in-numru 142 u 143, fi Triq il-Kbira. Fi żmien 1-aħħar gwerra (1939-1945), din id-dar kienet tintuża bħala klinika tas-suldati, u kienu ġew ikkurati xi suldati. Id-dar ta' qabel saret skola, u l-ewwel Superjura tagħha, kienet Sor Ġwakkina Muscat, li wara saret Madre Ġenerali. Barra li s-sorijiet kienu jieħdu ħsieb is-Santwarju, huma kienu wkoll bdew jgħallmu 1-iskola, ir-rakkmu u l-ħjata. Huma bdew jagħtu 1-lezzjonijiet tal-pjanu lit-tfal u ż-żgħażagħ. Bdew jiġu organizzati rtiri għax-xebbiet ukoll. Fid-29 ta' Jannar, 1947, Madre Skolastika Dimech, intgħażlet bħala Superjura Generali. F'dak iż-żmien, kien hemm madwar 10 sorijiet, u d-dar kienet saret żgħira wisq għall-Komunità.

Għalhekk, Madre Skolastika għamlet supplika jew talba lill-Arċisqof Mikiel Gonzi, biex tingħatalhom biċċa mill-art imsejħa "Il-Wied tal-Madonna", fi Triq il-Kbira. Parti mid-dar kellha tinbena bħala skola għaż-żgħar nett. Id-dar tlestiet fl-1973, u Sor Korċifissa Bonnici kienet l-ewwel Superjura ta' din id-dar il-gdida. Id-dar ġiet imsemmija bl-isem ta' "Santa Tereża".

Ilum, f'din id-dar, isiru seminars għat-tfajliet ta'



bejn 10 u 15-il sena, biex iqanqlu xi vokazzjonijiet għal din il-Kongregazzjoni. Ix-xogħol fil-ħajja tal-Parroċċa sar iżjed wiesa'. Isiru rtiri kull xahrejn għal kulħadd kif ukoll isiru laqgħat għax-xebbiet u nisa, fl-ewwel Erbgħa ta' kull xahar. Għall-ewwel Ġimgħa tax-xahar ikun hemm Ġesù espost fil-Kappella tal-Kunvent. Isiru wkoll weekends ta' rtiri għal gruppi ta' żgħażagħ li jiġu minn Parroċċi oħra. Jingħata servizz ta' day-care, għat-tfal iż-żgħar ta' bejn tmien xhur u tliet snin. Dan is-servizz hu ferm meħtieġ u apprezzat fil-ħajja tal-lum. Permezz ta' dan is-servizz, jintlaħqu diversi familji żgħażagħ, u jafdaw lil uliedhom fil-kura, edukazzjoni u formazzjoni tas-Sorijiet. Dan iċ-Ċentru jismu: **Child Jesus Edu-Care Centre**, għax fih, is-Sorijiet jippruvaw jedukaw u jieħdu ħsieb dawn it-tfal ċkejknin.

Minn tmintax-il sena 'l hawn, din id-dar saret "**CASA GENERALIZIA**", fejn ikun hemm il-Madre Generali, u l-Kunsill tagħha. Din id-dar tieħu ħsieb ukoll li tgħin finanzjarjament lill-missjonijiet li l-Kongregazzjoni għandha fl-Indja, il-Kenya, it-Tanzanija u fil-Filippini. Tgħinhom ukoll billi tisponsorja lit-tfal tagħhom bl-għajnuna ta' ħafna Maltin ġenerużi.

In-nies tal-Mellieħa dejjem apprezzaw il-ħidma tas-









Sorijiet "Ulied il-Qalb ta' Ġesù" fosthom u għalhekk dejjem kienu ġenerużi mas-Sorijiet u tawhom kull għajnuna.

Il-Komunità tas-Sorijiet li hawn bħalissa, trodd ħajr lil Alla ta' dak kollu li għamel magħha u permezz tagħha fost il-komunità tul dawn is-snin kollha.

Mill-Festa ta' Marija Bambina 2013, il-Parroċċa tagħna rat it-telfa ta' ħames Sorijiet Melliħin. Dawn kienu, **Sr Giustina Bartolo, Sr Concetta Fenech, Sr Christina Zammit, Sr Christina Borg,** u **Sr Emma Camilleri,** li ta' kull sena kienet ukoll iżżewwaq dan il-ktieb tal-Festa ta' Marija Bambina bil-kitba ħelwa tagħha.

Matul ħajjithom, dawn is-Sorijiet, bħas-Sorijiet li l-Parroċċa tagħna għall-Grazzja ta' Alla hi mżejna bihom ukoll illum, taw ħafna minn ħinhom għall-qadi tal-poplu u posthom mhux lakemm jimtela malajr. Kienu kollha mill-Mellieħa u għalkemm impenjati f'diversi parroċċi u missjonijiet, ħafna drabi barra minn Malta, kienu dejjem minn ta' quddiem biex jgħinu lil min kien fil-bżonn. Ħafna mix-xogħol tagħhom kien isir, u għadu jsir, fil-moħbi, bla ma jafu bih in-nies, iżda Alla l-Imbierek żgur li ma jħallihx għaddej bla ma jiġi ppremjat. Il-veru test tal-bniedem huwa meta hu jagħraf jagħti minn ħajtu għal ħaddieħor.

Grazzi Mulej ta' Dawn il-75 Sena ta' ġid kbir fuq il-Parroċċa tagħna permezz ta' dawn is-Sorijiet tal-Qalb ta' Ġesù.